**250. Il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, l-Onor. Ġuże Cassar, jipproponi:**

BILLI bis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att tal-1972 dwar Self għall-Iżvilupp il-Gvern huwa awtorizzat li, bi jew skond ftehim ma' Gvern ta' pajjiż ieħor jew ma' organizzazzjoni, fond jew istituzzjoni oħra internazzjonali jew barranija, jissellef somma ta' flus li b'kollox ma jkunux iżjed mill-ammont li jikkorrispondi għal ħamsa u għoxrin miljun lira Maltija, jew dik is-somma ogħla li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi b'Riżoluzzjoni;

U BILLI dik is-somma dalwaqt ser tintlaħaq;

U BILLI huwa fl-interess tal-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż li l-vantaġġ ta' faċilitajiet ta' self b'imgħax baxx mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet barranija jitkompla għal somma akbar minn ħamsa u għoxrin miljun lira Maltija;

GĦALHEKK qed jiġi b'dan riżolut li s-somma li l-Gvern ta' Malta jista' jissellef skont l-imsemmi sub-artikolu (1) tal-artikoli 2 tal-imsemmi Att tkun ta' ħamsin miljun lira Maltija

03.04.1980